MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 101/2014

**A B gia X**

**-vs-**

**C X**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi Il-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fis-16 ta' Marzu 1975 (Dok. A), u minn din l-ghaqda twieldu zewg itfal, E X u F X, illum it-tnejn maggorenni;
2. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata 31 ta' Jannar 2006, u li ghaddiet in gudikat permezz tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell li nghatat fil-31 ta' Ottubru 2007, li kopja taghha tinsab hawn mehmuza (Dok B);
3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre il-fatt li ilhom aktar minn erba' (4) snin separati, huma ghandhom hajja separata minn xulxin;
4. Illli kif jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, hawn mehmuza, u aktar precizament fil-parti disposittiva taghha f'pagna erbgha u ghoxrin (24) tal-istess, giet ikkonfermata t-tieni (2) decide tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' Prim'Istanza, in kwantu ddikjarat illi qed "*Tichad it-tieni talba attrici stante li l-attrici tilfet kull dritt ta' manteniment u fil-fatt qed jigu applikati kontra z-zewg partijiet id-disposizzjonijiet relattivi ta' l-artikolu 48 tal-Kap 16. Illi ghalhekk l-istess konvenut ukoll tilef kull dritt ta' manteniment li setgha jvanta kontra l-attrici.*" Illi ghalhekk ebda parti m'ghandha ebda pretensjoni fil-konfront tal-parti l-ohra ghall-hlas ta' manteniment, u jsegwi ghalhekk illi m'hemm ebda pendenzi bejniethom f'dan ir-rigward;
5. Illi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment versu l-ulied, ebda ammont ma gie likwidat mill-Qorti ta' Prim'Istanza u lanqas mill-Qorti ta' l-Appell stante illi fil-mori tal-kawza, iz-zewg ulied lahqu l-eta maggorenni;
6. Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ April, 2014;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta’ Ottubru 2007;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------